



Brussell, 11 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0337(NLE)
2023/0338(NLE)

16456/23
ADD 1

LIMITE

ACP 127
WTO 191
COAFR 433
RELEX 1437

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: 16239/1/23 REV 1

Nru dok. Cion: 13532/23 + ADD 1-9 and 13540/23 + ADD 1-9

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra

- *Adozzjoni*

u

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra

- *Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew*

= Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

DIKJARAZZJONI GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fl-importanza u l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni ekonomika u għall-iżvilupp inklużi fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn ir-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim"). Jaffer maw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jżommu dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni ambizzjużi fi ftehimiet simili futuri, speċjalment ftehimiet ta' sħubija ekonomika (FSE) ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor jew grupp ta' pajjiżi terzi, peress li l-FSE jmorru lil hinn mill-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles konvenzjonali. Huma jfakkru li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim għalhekk ser teħtieġ assoċjazzjoni mill-qrib tal-Istati Membri.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill u l-Kummissjoni jissottolinjaw li l-bażi legali użata għall-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, fisem l-UE, tal-Ftehim hija mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni tal-bażi legali fir-rigward ta' kwalunkwe negozjati futuri għal ftehimiet ta' sħubija ekonomika, jew l-iffirmar jew il-konklużjoni tagħhom, ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor jew grupp ta' pajjiżi terzi oħrajn.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jissottolinjaw li l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim mill-Unjoni qed isiru bil-ħsieb ta' dħul fis-seħħ rapidu u huma mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha f'konformità mat-Trattati. Bħala tali, l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim mill-Unjoni waħidhom huma mingħajr preġudizzju għan-natura legali ta' kwalunkwe ftehim ta' sħubija ekonomika futur ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor jew grupp ta' pajjiżi terzi, li ser jiġi ddeterminat wara valutazzjoni tal-kompetenzi esklużivi, il-kompetenzi nazzjonali u l-kompetenzi kondiviżi, kemm jekk eżerċitati kif ukoll jekk le, involuti mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim.

Konsegwentement, l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim mill-Unjoni waħidhom huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-iffirmar u l-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim ta' sħubija ekonomika futur ma' kwalunkwe pajjiż terz ieħor jew grupp ta' pajjiżi terzi mill-Istati Membri flimkien mal-Unjoni.